MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Avviz Numru. 4/2008

Lombard Bank Malta plc

Vs

Paul Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-bank attur talab li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta’ erbat elef tlett mija u sitta u tletin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,336.29) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita’ ta’ “Mastercard” li ghandek inti ma l-istess Bank attur, bl-interessi kalkolati sal-4 ta’ Dicembru 2007 skond statement anness oltre l-imghax mil-5 ta’ Dicembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv, u dan minhabba l-fatt li ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi anke b’mod ufficjali, baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, naqas milli jipprezenta risposta u milli jattendi s-seduta tal-lum.

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentat tal-bank attur (Dennis Xuereb).

In vista tal-fatt li s-socjeta attrici tat prova sodisfacenti tat-talba, tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil Lombard Bank Malta plc is-somma ta' erbat elef tlett mija u sitta u tletin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,336.29) rapprezentanti bilanc ghad-debitu tal-facilita' ta' Mastercard.

Bl-imghax mill-5 ta' Dicembru 2007 sad-data tal-pagament.

Spejjez kollha (inkluz Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------